# Il-Knisja ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ

Rev. Kan. Michael Agius B.A. Lic. D.

Mons. Ġwann Azzopardi fid-diskors tiegħu fil-kappella ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar fl-ewwel akkademja preseduta mill-E.T. Mons. Annetto Depasquale fis-sena 2002 ta tagħrif dwar l-istorja ta' San Pawl il-Baħar fil-Medju Evu tardiv. Huwa semma l-eqdem referenzi għall-isem ta' San Pawl il-Baħar u l-eqdem referenza għall-Knisja ta' San Pawl magħrufa bħala tal-Ħġejjeġ. Fl-Arkivji tal-Vatikan hemm manuskritt '*Compasso da Navigare*' tas-seklu ħmistax, li jġib in-numru tal-Vat. Lat. 5300, miktub bejn is-snin 1400-1500, terġa huwa biss kopja ta' xogħol aktar qadim, fejn din il-kappella tissemma għall-ewwel darba *"gliexiade San Polo sovra la riva blancha provo mar"*. Il-fatt kurjuż hu li f'dan id-dokument l-isem ta' dik Iż-żona, jiġifieri tal-bajja huwa Golfo di Pramacho, iżda fil-lista tal-militaia ta' l-1417 diġà jissemma l-isem 'San Paolo di Guarida".

Iżda l-isem ta' San Pawl il-Baħar kien ġie kkonsagrat fil-memorja minn żminijiet wisq qodma għax il-ġrajjiet iktar importanti fl-istorja ta' pajjiż u ta' poplu jiġu kkonservati fil-memorja nazzjonali u fil-monumenti, u dawn il-monumenti jittellgħu fl-istess post ta' din il-bajja fejn hu maħsub li l-grigal kaxkar lil San Pawl u sħabu fis-sena 60 W.K. u fejn l-ewwel Maltin saħħnuh billi qabbdulu ħuġġieġa. Hemm San Pawl għamel l-ewwel mirakli, tal-lifgħa u l-fejqan tal-Morda. Il-knisja li ttellgħet fl-inħawi fl-1436 kellha bħala rettur tagħha lil Dun Gulielmo Loth. Din il-knisja kien bnieha Bernardo Janer u jeżisti l-kuntratt tagħha fil-Bibljoteka fil-Belt Valletta. Fil-1610 ir-rettur kien Don Leonardo Abela. Fl-eqdem deskrizzjoni stampata ta' Malta, dik ta' Quintinus fl-1536 din il-Knisja tissemma bħala Knisja ta' qima kbira, U fl-1575 il-Viżitatur Appostoliku Mons. Dusina jgħid li kienet din il-knisja ta' San Pawl li tat l-isem lill-bajja. Fl-1581 Enrico Pantaleone jsemmi ħidma pastorali favur il-morda f'din il-knisja għax hemm kienu jmorru biex jitolbu l-fejqan.

Fl-1610 il-Gran Mastru Alof de Wignacourt li kien devot kbir ta' San Pawl, barra li jibni torri fl-inħawi biex jindokra l-kosta, ried ukoll jibni mill-ġdid din il-Knisja

f'post iktar prominenti, iżda billi ma kienx faċli jeħodha lid-djoċesi, iddeċida li jitlob lill-patrijiet Dumnikani biċċa art fl-aktar post prominenti u jibni knisja ġdida wisq isbaħ fl-istil ġdid arkittettoniku ta' l-epoka u jgħammarha bi tliet pitturi minn segwaċi tal-famuż Caravaggio (l-istoriċi ta' l-arti jattribwuhom jew lil Lionello Spada jew lil Cassarino). Il-Gran Mastru rabat din il-Knisja mal-fondazzjoni li waqqaf għall-Grotta ta' San Pawl u għalhekk din il-Knisja għadha sallum tappartjeni lill-Kolleġjata ta' San Pawl tar-Rabat.

B'hekk l-Ordni kellu f'idejh il-knisja ta' fejn skond it-tradizzjoni qadima, niżel San Pawl f'Malta u fejn għammar tul il-qagħda tiegħu għal tliet xhur fostna. Kien isir servizz ta' quddies fil-Ħdud u l-festi għas-suldati tat-Torri u għall-bdiewa ta' l-inħawi. Kellha kampnar ħelu b'qampiena li kienet tiżen disgħa u għoxrin ratal. Kellha wkoll statwa tal-ġebel ta' San Pawl li baqgħet sal-aħħar ġwerra dinjija meta l-Knisja ġġarfet fl-10 ta' Marzu 1943. Inbniet mill-ġdid mill-Gvern u ġiet mbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1956.

Meta kibret il-popolazzjoni fiż-żona, il-knisja attirat aktar nies. Tul ix-xhur tas-sajf meta San Pawl il-Baħar ikun ċentru qawwi ta' villeġġjatura l-Knisja tkun iffrekwentata aktar għalhekk jikber in-numru ta' quddies fiha. Fis-sena 1968 il-Kapitlu tar-Rabat għamel ftehim mas-St. Paul's Tourist Council tal-Kummissjoni Emigrazzjoni u Turizmu biex jibda jieħu ħsiebha hu u joffri servizz pastorali adegwat kemm għar-residenti kif wkoll għat-turisti. F'dawn l-aħħar sitt snin saru restawri adegwati li jagħmluha ġawrha arkitettonika mill-isbaħ.

Illum, il-ħidma pastorali tingħata mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Iżda, b'kollaborazzjoni armonjuża mal-parroċċa f'din il-Knisja ta' San Pawl jingħata servizz ta' quddies u qrar speċjalment lit-turisti u lin-nies li jiffrekwentawh matul is-sajf. Jiġu organizzati wkoll soiree kulturali fejn jiġu ttrattati temi Pawlini

